# Skejjel sekondarji ppremjati għat-tagħlim fuq barra permezz tan-natura

## Ir-Riserva Naturali tas-Salina tospita t-tnedija tal-programm ta' BirdLife Malta Dinja Waħda fis-Sekondarja 2018-19 u l-preżentazzjoni tal-premjijiet għas-sena skolastika li għaddiet

Studenti u għalliema minn ħames skejjel sekondarji differenti llum kienu ppremjati għall-kisbiet tagħhom tul l-aħħar sena skolastika (2017-18) fi ħdan il-programm ta' BirdLife Malta Dinja Waħda fis-Sekondarja għall-edukazzjoni ambjentali u sostenibbli permezz tal-kirrikulu. Fl-istess ċerimonja li saret fir-Riserva Naturali tas-Salina dalgħodu, kien imniedi l-programm Dinja Waħda fis-Sekondarja għas-sena skolastika l-ġdida 2018-19.

Din kienet it-tieni sena konsekuttiva li skejjel sekondarji kienu ppremjati għall-parteċipazzjoni tagħhom f'dan il-programm li jiġi implimentat b'kollaborazzjoni mad-Direttorat tal-Edukazzjoni. L-inizjattiva Dinja Waħda ta' BirdLife Malta, li bdiet fl-1994, hija l-programm ta' edukazzjoni ambjentali tal-eNGO fl-iskejjel u għandha programmi separati għall-iskejjel primarji u dawk sekondarji. Fl-iskejjel sekondarji l-programm jimmira li jqarreb liż-żgħażagħ lejn in-natura u jinstigahom biex jieħdu azzjoni ħalli jtejbu l-bijodiversità u jqajmu kuxjenza favur attitudni aktar sostenibbli fi ħdan il-komunità tagħhom.

Il-programm għandu tliet taqsimiet li jistgħu jieħdu sehem fihom l-iskejjel permezz tas-suġġetti tal-kurrikulu. Dawn huma 'Azzjoni għall-Bijodiversità', 'Nersqu lejn in-Natura' u 'Inwasslu l-Għarfien'.

Matul iċ-ċerimonja tal-lum, b'kollox tqassmu disa' *awards* bejn ħames skejjel. Dawn ġew ippremjati b'*gold, silver* u *bronze awards* skont il-livelli ta' parteċipazzjoni tagħhom f'kull waħda mit-tliet kategoriji msemmija hawn fuq. Id-'Dinja Waħda Secondary Sustainability Awards' kienu ppreżentati lill-iskejjel li pparteċipaw mill-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana u mill-Education Manager Sarah Brady akkumpanjati minn Charles Azzopardi, Executive PR & Marketing tal-Bank of Valletta. L-udjenza preżenti kienet tinkludi uffiċjali edukattivi, għalliema u studenti.

**Iċ-Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni ta' Adulti Żgħażagħ Dun Manwel Attard tal-Wardija fi ħdan il-Kulleġġ Marija Reġina** rebaħ l-ikbar ammont ta' premjijiet għal din is-sena, b'*gold award* fit-taqsima 'Nersqu lejn in-Natura', *silver* fit-taqsima 'Azzjoni għall-Bijodiversità' u *bronze* fit-taqsima 'Inwasslu l-Għarfien'.

**L-Iskola Sekondarja tal-Imrieħel, Kulleġġ Santa Tereża** ġiet ippremjata bi *bronze award* fil-kategorija 'Azzjoni għall-Bijodiversità' u *bronze award* ieħor fil-kategorija 'Nersqu lejn in-Natura'.

Żewġ premjijiet oħra marru għand **l-Iskola Sekondarja ta' Ħad-Dingli, Kulleġġ San Nikola** li rebħet *silver award* għall-kisbiet fil-kategorija 'Azzjoni għall-Bijodiversità' u *bronze* għal 'Nersqu lejn in-Natura'.

**L-Iskola Medja tal-Blata l-Bajda, Kulleġġ San Ġorġ Preca** kisbet suċċess fil-kategorija 'Nersqu lejn in-Natura' li fiha rebħet *silver award,* waqt li **ċ-Ċentru ta' Riżorsi għall-Edukazzjoni Sekondarja Guardian Angel tal-Ħamrun fi ħdan il-Kulleġġ San Ġorġ Preca** kien ippremjat b'*gold award* fl-istess kategorija 'Nersqu lejn in-Natura'.

Mument importanti taċ-ċerimonja ta' din is-sena kien il-*video* li ġabar il-ħidma li saret fuq id-diversi proġetti mill-iskejjel kollha li jipparteċipaw fil-programm Dinja Waħda, bl-għalliema u l-istudenti nfushom jispjegaw x'għamlu u x'fisser għalihom li ħadu sehem f'sessjonijiet edukattivi barra mill-klassi.

Desirèe Falzon, li tikkoordina l-programm Dinja Waħda fis-Sekondarja, introduċiet l-*awards* u tkellmet ukoll dwar is-siti Natura 2000 li nsibu f'Malta u r-rilevanza tagħhom għall-Gżejjer Maltin minħabba li din kienet it-tema magħżula għaċ-ċerimonja ta' din is-sena. Fil-fatt l-attività kienet tinkludi l-preżentazzjoni tal-pubblikazzjoni riċenti ta' BirdLife Malta "Post għan-Natura, Siti Natura 2000 f'Malta" ta' Victor Falzon u Elisabeth Conrad. Kopji ta' dan il-ktieb ġdid imbagħad tqassmu lill-għalliema kollha tal-Ġeografija fl-iskejjel sekondarji.

F'kummenti waqt l-attività ta' dalgħodu, l-Education Manager ta' BirdLife Malta Sarah Brady awgurat lill-iskejjel għall-impenn tagħhom favur in-natura u l-edukazzjoni ambjentali sostenibbli u ħeġġet aktar skejjel sekondarji biex jipparteċipaw fil-programm.

Charles Azzopardi, Executive PR & Marketing tal-Bank of Valletta, ukoll feraħ lill-iskejjel għall-parteċipazzjoni tagħhom u enfasizza l-importanza li tinħoloq kuxjenza akbar dwar l-ambjent, speċifikament dwar il-flora u l-fawna, fost it-tfal tal-iskejjel sekondarji. L-appoġġ tal-Bank of Valletta lill-programm Dinja Waħda jifforma parti mill-Pilastru Ambjentali fi ħdan il-programm estensiv tal-Bank fil-komunità.

Il-programm Dinja Waħda għandu l-appoġġ tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta u l-Bank of Valletta (BOV) huwa s-sieħeb edukattiv tal-programm.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli (agħfas fuqhom biex tiftaħhom):**

- Il-programm Dinja Waħda ta' BirdLife Malta
- Il-programm ta' BirdLife Malta Dinja Waħda fis-Sekondarja

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/t-RRa67sILEC**

- Għażla ta' ritratti miċ-ċerimonja ta' dalgħodu li matulha tnieda l-programm Dinja Waħda fis-Sekondarja għas-sena skolastika l-ġdida u tqassmu l-*awards* tas-sena li għaddiet (Ritratti ta' Eleni Karatzia)

**Niżżel il-filmati minn hawn: https://youtu.be/07E9PHc0MmQ**

- Filmati tal-attività ta' dalgħodu li matulha tnieda l-programm Dinja Waħda fis-Sekondarja għas-sena skolastika l-ġdida u tqassmu l-*awards* tas-sena li għaddiet (Filmati ta' Kinga Kupska, muntaġġ ta' Nathaniel Attard)